MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 434/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta’ Novembru 2007 li permezz tiegħu l-attrici ppremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat f’Malta fis-sebgħa u għoxrin ta’ Mejju elf disa’ mija disgħa u tmenin (27/05/1989), liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta; (Dokument A);

2. Illi minn dana z-żwieġ twieldet tifla li jisimha D u li llum għandha erbatax-il sena;

3. Illi z-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-intimat li rrenda ruħu ħati ta' vjolenza, sevizzi, minaċċi u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti martu;

4. Illi l-intimat ma kienx kapaċi jżomm impjieg fiss għal perjodu twil ta' żmien u dana *stante* li qatt ma refa' r-responsabbiltajiet ta' familtu, u minħabba f'hekk ħalla lill-familja nieqsa mill-affarijiet bażiċi u neċessarji għall-ħajja.

5. Illi d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tar-rikorrenti;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn ma' l-intimat u konsegwentement isseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom;

7. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi jiġi dikjarat li bħala konsegwenza tas-suriferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

8. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proċeduri permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (20/09/2007) u numerat ________________________ (___/____), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B;

Għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi B għal raġunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D f'idejn ir-rikorrenti;

3. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u għalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta' l-akkwisti, u dana

mhux neċessarjament fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti, okkorrendo bil-ħatra ta' Nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

4. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u għal bintha minuri u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-istess manteniment;

5. Tillikwida somma rappreżentanti ħlas ta' arretrati ta' manteniment għar-rikorrenti u għall-minuri, u tordna lill-intimat iħallas din is-somma kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. Tiddikjara illi r-rikorrenti għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali u ċioe' ______________________ *(address)* flimkien ma' bintha iżda ad esklużjoni ta' l-intimat;

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti ta' l-intimat fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata u kwindi huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat is-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru 2008 li permezz tagħha ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat l-affidavits preżentati mill-attriċi fosthom ta' l-istess attriċi;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Mejju 2008 li permezz tiegħu l-konvenut ġie ordnat jivvaka d-dar konjugali favur l-attriċi;

Semgħet lill-Avukati ;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia’ ingħad l-attrici qed titlob is-separazzjoni minn ma żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Eżami anke superfiċjali tal-provi juri biċ-ċar illi l-attriċi għandha raġun titlob is-separazzjoni u wieħed ma jistax ma jissimpatiżżax magħha għas-sofferenzi li għaddiet minnhom minħabba l-aġir ta’ żewġha matul il-perjodu taż-żwieġ. Il-lanjanzi li hija semmiet fir-rikors promotur ġew kollha pruvati u biżżejjed wieħed jara li huwa tista’ tgħid mill-ewwel kien ħati tad-diversi lanjanzi solitament indikati f’dawn il-kawżi (u ndikati mill-istess liġi) u kkawża uġiegħ kemm lilha u kemm lil binthom.

**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA’ BENI PARAFERNALI**

Kif ġia’ ingħad il-Qorti ġia’ ordnat lill-konvenut jivvaka d-dar konjugali biex tgħix fiha l-attriċi u bintha, u l-Qorti bis-sentenza tagħha se tikkonferma dik l-ordni. Il-Qorti se tordna ukoll li l-oġġetti llum fid-dar konjugali jiġu assenjati lill-attriċi. Mill-bqija m’hemmx provi ta’ proprjetajiet oħra u jidher li l-konvenut ħa mid-dar diversi oġġetti qabel ma telaq bl-ordni tal-Qorti.

**MANTENIMENT**

Il-konvenut qatt ma ħallas manteniment u l-attriċi ġustament qed titlob li titħallas minn Frar 2007 u ċioe’ meta bdiet il-proċeduri. Il-konvenut pero’ dejjem kellu xogħol saltwarju u sikwit jitkeċċa mill-impjieg minħabba indixxiplina. Għalhekk il-Qorti se tordna ħlas ta’ mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar għall-attriċi u ħamsin Ewro (€50) għall-minuri b’effett minn Frar 2007. Hemm allura arretrati ta’ ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600) b’kollox.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi;**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti tort tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri D f'idejn l-attriċi;**

**3. Ittemm u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u dan billi tordna li l-oġġetti bħalissa fid-dar konjugali msemmija fir-rikors jiġu assenjati lill-attriċi u l-kumplament lill-konvenut;**

**4. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment għaliha u ħamsin Ewro (€50) fix-xahar għall-minuri *rebus sic standibus*; tordna lill-*employer* tal-konvenut jew id-direttur tas-Sigurta' Soċjali jibgħat direttament dan il-manteniment lill-attriċi billi jaqtgħu mill-paga tiegħu jew pensjoni jew mill-benefiċċji li qed jirċievi;**

**5. Tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600) bħala arretrati ta' manteniment kif mitlub;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-attriċi għandha dritt tibqa' tgħix fid-dar konjugali msemmija mal-minuri u bl-esklużjoni tal-konvenut;**

**7. Tilqa' s-seba' talba;**

**L-ispejjez tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------